

— tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 interpretat konformement mad-dispożizzjoni rilevanti tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji, billi użat id-denominatur żbaljat, jġififieri, il-qliegħ totali mill-esportazzjoni, filwaqt li d-denominatur adatt kien il-qliegħ totali.

⁽¹⁾ ĠU L 254.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 188).

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2010 — H. Eich vs UASI — Arav (H.Eich)

(Kawża T-557/10)

(2011/C 30/98)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: H. Eich Srl (Signa, l-Italja) (rappreżentanti: D. Mainini, T. Rubin, A. Masetti Zannini de Concina, M. Bucarelli, G. Petrocchi, B. Passaretti, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Arav Holding Srl (Palma Campania, l-Italja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Settembru 2010;

— tiddikjara l-validità tat-trade mark H. Eich imsemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6.256.242;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż kollha sostnuti matul il-proċedimenti kollha, inklużi ż-żewġ istanzi quddiem l-UASI.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: H. Eich.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark verbali "H. Eich" (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6.256.242), għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Arav Holding Srl.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: It-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "H-Silvian Heach" (trade mark Taljana Nru 976 125, u trade mark Nru 880 562, skont il-Protokoll għall-Ftehim ta' Madrid, għall-Benelux, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Ġreċja, Spanja, Franza, l-Unġerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Renju Unit u l-Iżvezja) għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Deċiżjoni kkontestata annullata u applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Motivi invokati: applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ineżistenza tal-probabbiltà ta' konfużjoni).

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2010 — Regione autonoma della Sardegna et vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-394/08, T-408/08, T-436/08, T-453/08 u T-454/08) ⁽¹⁾

(2011/C 30/99)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża T-436/08.

⁽¹⁾ ĠU C 285, 8.11.2008.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2010 — DVB Project vs UASI — Eurotel (DVB)

(Kawża T-578/08) ⁽¹⁾

(2011/C 30/100)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 55, 07.03.2009